A.L. 89 ta' l-1992

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI
(ATT Nru. XXIV ta' l-1988)

Statut li jemenda l-Istatut 3 ta' l-Università ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dan l-istatut magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 31 ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-iStatut li jemenda l-iStatut 3 ta' l-Università ta' Malta.

STATUT LI JEMENDA L-ISTATUT 3 — KORSIJIET TA' STUDJI, GRADI U DISTINZJONIJIET

Titolu fil-Qosor

Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-iStatut li jemenda l-iStatut 3 ta' l-Università ta' Malta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-iStatuti ta l-Università ta' Malta mdaħħla fl-Iskeda III ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni.

Emenda Nru. 5 ta' l-iStatut 3.

1. Fis-sotto-paragrafu 1 tal-paragrafu 3.1 — Korsijiet ta' Studji għal Gradi, Diploma u Ċertifikati — ta' l-iStatut 3 —

(a) Minnufih taħt ir-ras "*Il-Fakultà ta' l-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy*" għandhom jidħlu l-kliem "Bachelor of Arts (Honours) — B.A. (Hons.)";

(b) Taħt ir-ras "*Il-Fakultà ta' l-Edukazzjoni*", minnufih taħt il-kliem "Diploma in Education" għandhom jiżdiedu l-kliem "Diploma in Librarianship"; u

(c) Minflok il-kliem taħt ir-ras "*L-Istitut tal-Ġerontologija*" għandhom jidħlu l-kliem:

"Master of Gerontology and Geriatrics — M.Ger.
Postgraduate Diploma in Gerontology and Geriatrics — Dip. Ger."

2. Fis-sotto-paragrafu 1 tal-paragrafu 3.3 — Gradi *Honoris Causa* tal-iStatut 3 — minnufih wara l-kliem "Doctor of Science — D.Sc." għandhom jiżdiedu l-kliem "Master of Philosophy — M. Phil."